MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2011

Numru 792/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard C. Spiteri)**

**vs**

**ROSE ANNE CARUANA**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni li permezz taghha Rose Anne Caruana ta 39 sena, iben Anthony u Emanuela nee' Zammit, imwieled Pieta, nhar il-12 ta' Jannar 1971, u joqghod 39, 'Red Rose', triq Santa Marija, Naxxar detentrici tal-Karta ta' l-Identita' 58571M.

Billi giet akkuzata talli nhar il-1 ta' Gunju 2010, ghall-habta ta' 2.00 ta' wara nofsinhar, gewwa triq Santa Marija, Naxxar u jew fil-vicinanzi;

1. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' adhiero f'periklu car, ikkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Sonya Muscat u dai ai Termini tal-artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba illi minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta' Sonia Muscat u terzi persuni sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflokk il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi iffista mill-Qorti.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. BS3 u nnutat li l-imputata Rose Anne Caruana m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.
Innutat li fis-Seduta tallum l-imputata iddikjarat li hi hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr Chris Cardona ghall-parte civile iddikjara li s-sitwazzjoni bejn il-parte civile u l-imputata illum ippacifikat ruhha b'mod komplet.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Rose Anne Caruana, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-

imputata u li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr Chris Cardona ghall-parte civile iddikjara li s-sitwazzjoni bejn il-parte civile u l-imputata illum ippacifikat ruhha b'mod komplet, tillibera lill-istess imputata Rose Anne Caruana taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputata Rose Anne Caruana b'obbligazzjoni personali ta' elf Euro (Euro 1000) li zzomm il-kwiet ma' Sonya Muscat ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Rose Anne Caruana l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------